MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 463/2009

**Dhalia Real Estate Agency Limited**
**(C 22364)**

***kontra***

**George Pace**

**Il- Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf li kien presentat fl-14 ta' Mejju 2009 u li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti tippresta s-servizzi ta' senserija ossia estate agency services fil-bejgh ta' propjeta' mmobiljari ;*

*2. Illi l-intimat kien jahdem bhala sales representative ossia commission agent ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti ;*

*3. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet wettqet dan is-servizz fil-bejgh tal-propjeta' "The Crystal Hotel" fi Triq il-Halel Bugibba liema trasferiment huwa dak li jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh ta' l-imsemmija propjeta' in atti Nutar Ian Spiteri tat-30 ta' Lulju 2004 kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. A ;*

*4. Illi dan it-trasferiment, li ghalih l-intimat kien qieghed jirrapprezenta lis-socjeta' rikorrenti, sehh ghall-insaputa tal-istess socjeta' rikorrenti u dan stante li l-intimat deher fuq il-kuntratt relattiv mal-venditur u l-kumpratur u frawdolentement appropja ruhu ndebitament mill-flejjes li thallsu ghas-servizz tas-senserija moghti mis-socjeta' rikorrenti bla ma raddhom lis-socjeta' rikorrenti, liema fatt is-socjeta' rikorrenti saret taf bih ricentement*

*5. Illi l-intimat interpellat biex jirrifondi s-senserija dovuta lis-socjeta' rikorrenti baqa' inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tikkundanna lill-intimat jirrifondi lis-socjeta' rikorrenti dik is-somma li talvolta tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opra ta' perit nominand rapprezentanti l-estate agency fee dovuta lilha fuq it-trasferiment tal-propjeta' "The Crystal Hotel" fi Triq il-Halel Bugibba prevja dikjarazzjoni li l-intimat frawdolentement appropja ruhu indebitament mill-estate agency fee dovuta lis-socjeta' rikorrenti kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Rat li l-atti tar-rikors mahluf kienu debitament notifikati lill-intimat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-Art.187(3) tal-Kap.12.

Rat li l-intimat ma ressaq l-ebda risposta mahlufa u ghalhekk baqa` kontumaci.

Rat li l-intimat ma deherx fl-udjenzi ta` din il-kawza.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta' Nicholas sive` Nicky Camilleri (fol 31 u 32) mnejn jirrizulta *inter alia* li l-pretensjoni tal-kumpannija attrici fil-konfront tal-intimat tammonta ghal tnejn u tletin elf disa` mija erbgha u tmenin Ewro (€32,984).

Semghet ix-xhieda ta` Alan Grima fl-udjenza tal-1 ta' Ottubru 2010 fejn, wara li kkonferma li l-ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti kien jammonta ghal €32,984, huwa xehed li sad-data ta` dik l-udjenza ma kien sar l-ebda hlas mill-ammont pretiz mill-kumpannija rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi l-provi tar-rikorrenti mhumiex kontradetti, tqis bhala pruvata t-talba taghha.

**Ghalhekk fil-kontumacja tal-intimat, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Tiddikjara li l-intimat appropja ruhu frawdolentement u ndebitament mill-*estate agency fee* dovuta lill-kumpannija rikorrenti fuq it-trasferiment tal-propjeta' "The Crystal Hotel" fi Triq il-Halel Bugibba fuq riferit.**

**Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta` tnejn u tletin elf disa` mija erbgha u tmenin Ewro (€32,984) bhala l-*estate agency fee* fuq riferita, bl-imghax legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------